SPACE SCOOP

Bringing news from across the Universe to kids all around the world

# L-Astronomi jsibu l-ħajja fuq...id-Dinja?!



Is-sinjali tal-ħajja jistgħu jinstabu fl-ammonti ta' gassijiet partikulari fl-atmosfera tal-pjaneti, bħall-ossiġnu, l-ożonju, il-metan u d-dijossidu tal-karbonju. L-astronomi jistgħu jindunaw x'gassijiet hemm fl-atmosfera ta' xi pjaneta billi jistudjaw id-dawl li jirriflettu minnhom, li jissejjaħ planetshine.

Iżda l-planetshine bilkemm jidher u jiddi ħafna inqas mid-dija qawwija tal-istilel, u allura diffiċli narawh. Meta d-dawl tal-istilel ikun rifless minn xi pjaneta, tiġrilu xi ħaġa li tbiddlu. L-astronomi jgħidu li dan id-dawl ikun ġie 'polarizzat'. Allura, billi jħarsu apposta lejn dawl polarizzat, l-astronomi jkunu jistgħu jilmħu dan id-dawl mill-pjaneti.

More information about EU-UNAWE Space Scoop: www.eu-unawe.org/kids/